# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Gunju, 2017**

**Talba Nru: 539/2016 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Mariana Mindrescu**
**(Passaport Numru 52531498)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2016 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u hamsin euro u tnejn u erbghin centezmi (€1650.42) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40545725 liema somma il-konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet debitament interpellata, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors ingunta in subizzjoni.

Illi l-konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti tas-16 ta’ Mejju, 2017, 14 ta’ Gunju, 2017 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2017 u fil-fatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici is-somma ta’ elf, sitt mija u hamsin euro u tnejn u erbghin centezmi (€1650.42) in konnessjoni ma’ servizzi elettronici ta’ komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40545725, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**